MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2013

Numru 5000/2013

**Il-Pulizija**
**(Spt. Rennie Stivala)**
**vs**
**Ibrahim Ali Ibrahim**

**Illum 1 ta' Marzu 2013**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Ibahim Ali Ibrahim** ta' 21 sena, bin Ali u Haoa nee' Kasm, imwieled Libya fl-1 ta' Awwissu, 1991, residenti f'Hara Qadim, Tripoli, b'passaport Libjan numru 622396;

Fuq talba tad-Direttur Generali tad-Dwana:

Talli fit-28 ta' Frar, 2013, mal-wasla tieghu f'Malta minn Tripoli mat-titjira LN 146, gewwa l-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, xjentement, naqas li jidddikjara lill-Ufficjali tad-

Dwana, billi ghadda mill-Green Channel bi kwantita’ ta’ sigaretti u oggetti ohra kif deskritt hawn taht;

30 kartuna b’200 sigaretti kull kartuna – American Legend; 4 Track suits; 8 jeans; 22 Caps.

Is-sigaretti li l-importazzjoni taghhom hija porjbita u/jew ristretta u/jew limitata, ghandhom valur totali ta’ €174.00, Dazju u Sisa dovuta ta’ €792.00, kif ukoll Dazju ta’ Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal €100.22 u €191.92 rispettivament**,** filwaqt il-hwejjeg ghandhom valur totali ta’ €255.00, Dazju ta’ Importazzjoni u Taxxa fuq il-valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal €25.48 u €50.49 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxi ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Dawn is-sigaretti u l-oggetti l-ohra inqabdu bin-Nota ta’ Qbid 21/2013.

U fuq talba tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-VAT;

Talli fit-28 ta’ Frar, 2013, mal-wasla tieghu f’Malta minn Tripoli mat-titjira LN 146, gewwa l-Mitjar Internazzjonali ta’ Malta, xjentement, naqas li jidddikjara lill-Ufficjali tad-Dwana, billi ghadda mill-Green Channel bi kwantita’ ta’ sigaretti u oggetti ohra kif deskritt hawn taht;

30 kartuna b’200 sigaretti kull kartuna – American Legend**;** 4 Track suits; 8 jeans; 22 Caps.

Is-sigaretti li l-importazzjoni taghhom hija porjbita u/jew ristretta u/jew limitata, ghandhom valur totali ta’ €174.00, Dazju u Sisa dovuta ta’ €792.00, kif ukoll Dazju ta’ Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal €100.22 u €191.92 rispettivament**,** filwaqt il-hwejjeg ghandhom Valur totali ta’ €255.00, Dazju ta’ Importazzjoni u Taxxa fuq il-valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal €25.48 u €50.49 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxi ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Dawn is-sigaretti u l-oggetti l-ohra inqabdu bin-Nota ta’ Qbid 21/2013.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tordna l-konfiska tal-oggetti kollha li gew sekwestrati mid-Dwana a favur il-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tad-Direttur Generali tad-Dwana kif ukoll tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-VAT sabiex il-Pulizija tipprocedi kontra l-imputat ghal dak li hemm ravvizat fl-akkuzi odjerni u semghet lir-rapprezentanti taz-zewg Diretturi jikkonfermaw bil-gurament dawn it-talbiet;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-llum l-1 ta' Marzu 2013 fil-presenza tal-avukat difensur tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 60(a) (b) (c) u (k), 62(a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-artikolu 62 tal-Kap 37; l-artikoli 16(1)(j) u 17(1)(a)(d) tal-Kap 382; Regolament 22 (4) Taqsima III tar-Regolamenti tad-Dwana; artikolu 80 tal-Att XXIII tal-1998;

Tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' gimgha mil-lum, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre multa ta' €2753.10 maghmula mis-somma ta' €792.00 Excise Duty u €125.70 Dazju ta' Importazzjoni, jigifieri total ta' €917.70 multiplikat bi tlett darbiet ghall-ammont totali ta' €2753.10 skond il-ligi mil-liema somma l-ammont ta' €917.70 rapprezentanti terz

tas-somma totali ghandu jiqies bhala dejn civili favur id-Dipartiment tad-Dwana;

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti formalment favur il-Gvern ta' Malta;

Fit-termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, l-multa imposta ghandha tithallas fi zmien gimgha mil-lum u l-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------